**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 28 ta' Frar, 2024**

Numru 21

**Appell Nru. 36/2023**

**Justin Cassar**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Justin Cassar tal-4 ta' Lulju 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Gunju 2023 li biha t-Tribunal qies l-appell bhala irritu u null billi kien nieqes mir-ragunijiet taht kull intestatura ghaliex kien qed isir l-appell skont artikolu 15(b) tal-Kap. 551;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Dan l-appell huwa fir-rigward tal-Avviz 282/22 li jghid:
i. Bdilt l-uzu tas-sit min ghalqa ghall-post fejn qed jinzammu diversi annimali
ii. Bini ta' kmamar imsaqqfa b'corrugated iron sheeting u li minnhom qed jintuzaw bhala stalel
iii. Diversi hitan baxxi fejn gie ffurmat parpett fuq in-naha tax-xellug tas-sit
iv. Tinda kbira tal-hadid u diversi tined ohra mwaqqfa fuq pajpijiet tal-hadid
v. Diversi gaggeg madwar is-sit u gagga ohra fin-nofs bi struttura tal-injam adjacenti
vi. Instllazzjoni ta' pannelli fotovoltajici fuq il-kamra ta' magenb il-parapett.

Fl-appell kull ma talab l-appellanti huwa illi dan l-appell jistenna l-ezitu tal-PA 7363/21.

L-Awtorita' rrispondiet fl-ewwel lok billi ddikjarat illi l-appell relattiv kien null billi ma kienx fih dak li tghid il-ligi ossia ragunijiet that kull intestatura ghaliex ikun qieghed isir l-Appell. F'dan il-kuntest lAwtorita ghamlet riferenza ghas-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament compost PAB 241/22 fejn l-eccezzjoni giet milqugha.

Dwar il-mertu l-Awtorita' ddikjarat illi l-appellanti naqas milli jindika kwalunkwe aggravju.

L-appellanti nghata l-opportunita mit-Tribunal biex iressaq sottomissjonijiet spjegattivi fejn indika ssegwenti aggravji:
i. Uzu u strutturi li jipprecedu il 2012
ii. Applikazzjoni ghal sanzjonar qabel ma nhareg l-avviz
iii. Talba ghal sospensjoni tal-avviz
iv. Il-multa ghandha tigi emendata.

L-Awtorita ma rrisponditx ghal din is-sottomossjoni u talbet l-sfliz tas-sottomissjonijiet stante li jmorru ben oltre dak dikjarat fl-Appell li fuqu dan it-Tribunal ghandu jimxi.

Ikkunsidra
Dwar it-talba ghall-isfliz it-Tribunal jiddikjara illi stante li s-sottomissjonijiet sar fuq ordni tat-Tribunal ma kienx il-kaz li dawn jigu sfilzati u ghaldaqstant din it-talba hija michuda.

Fir-rigward ta' dawn is-sottomissonijiet maghmula mill-appellanti, it-Tribunal jinnota illi lappell huwa biss ibbazat fuq punt wiehed biss ossia illi dan l-appell jistenna l-ezitu talapplikazzjoni PA 7363/21 li dwaru hemm pendenti PAB 224/22.

Il-bqija tas-sottomissjonijiet ma jinkwadrax ruhhom bhala spjegazzjoni ta' dan izda zieda ta' diversi aggravji ohra illi dan it-Tribunal huwa prekluz milli jistharreg.

L-Appell isemmi biss kif inghad illi dan l-appell ghandu jistenna l-ezitu tal-PA 7363/21 ai finijiet tal-artikolu 97 (8). Dan l-artikolu jispjega:
(8) When an application for development permission has been submitted before the expiry of the period mentioned in sub-article
(7) (a) for the retention on the land of any buildings, works or development to which theenforcement notice relates; or
(b) to sanction the continuance of any use of the land to which the enforcement noticerelates, the operation of the notice, in respect of any requirement other than a requirement stopping or prohibiting any further activity and, or development or requiring the cessation of a use, shall be suspended pending the final determination of the application. If

the permission applied for is granted on that application and it comes into operation, the enforcement notice shall cease ipso jure to have effect.

Effetivament huwa car illi fis-sottomissjonijiet ulterjuri l-appellanti ma jaghmel ebda accenn ghall-eccezzjoni preliminary ta' nullita' tal-appell stess. Hemm zieda sostanzjali u spjegazzjoni dwar l-aggravju li hemm fl-appell izda xejn dwar l-eccezzjoni, kif inghad.

Fid-decizjoni citata mill-Awtorita' 241/22 JB. PA 1738/22. Christopher Vella kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar, It-Tribunal diversament kompost ghamel is-sewgenti osservazzjoni:

Illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ser jistharreg l-eccezzjoni ta' nullita' mqajjma millAwtorita' fir-rigward tal-mankanzi tar-rikorst'appell imressaq mill-appellant. L-eccezzjoni tan-nullita' hija sanzjoni estrema li l-ligi tippermetti biss meta jkun hemm nuqqasformali jew sostanzjali li ma jkunx jista` jigi assolutament tollerat bhala hsara ghall-gustizzja procedurali (Guido J. Vella vs Dr.Emanuel Cefai, Appell Civili deciz fl-4 ta' Novembru tassena 1991).

Il-ligi tal-procedura hija mahsuba biex il-kawzi jimxu b'heffa u efficjenza, ekonomija u harsien tal-jeddijiet tad-difiza u tal-principjital-gustizzja naturali u m'humiex mahsuba biex joholqu htigijiet purament formali li jservu biss biex jaghtu lil xi wahda mill-partijietf'kawza mezz biex tehles mill-obbligi taghha jew biex tirbah il-kaz. Illi b'zieda ma' dak premess, dan it-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunjutas-sena 2017 fl-ismijiet: (Charles Fenech vs l-Awtorita' tal-Ippjanar (Appell Nru. 8/17) fejn l-istess Qorti pprovdietspecifikament is-segwenti: "Harsa lejn l-appell mressaq quddiem it-Tribunal min Charles Fenech ma jhallix dubju f'mohh il-Qorti illi s-subartikolu(b) tal-istess artikolu bl-ebda mod ma hu sodisfatt, anzi lanqas hemm l-icken indikazzjoni ghaliex qed jappella lappellant. It-Tribunal, kif dejjem sostniet din il-Qorti, ghandu jiddeciedi fuq l-aggravji migjuba, senjatament filprezentata tad-dokument tal-appell u t-Tribunal ma ghandux ihalli li jigu prezentati aggravji ohra waqt it-trattazzjonital-appell hlief f'cirkostanzi eccezzjonali bhal dawk ta' natura ta' ordni pubbliku. It-Tribunal f'dan il-kaz ma ghanduxaggravji x'jiddeciedi ghaliex fit-terminu perentorju ghal prezentata tal-appell ma ngiebu ebda aggravji ghall-iskrutinjutat-Tribunal u l-appellat ma kellu ebda bazi fuqhiex jirrispondi ghallaggravji. L-appell tal-appellant hu avviz ta' appellmhux appell kif trid il-ligi taht lartikolu 15 tal-Kap. 551. Dan mhux kaz fejn l-appellant ma ressaqx l-aggravji tal-appell b'mod car jew kien jehtieg elaborazzjoni fuq l-aggravju sollevat jew xi zieda ohra li ma taffetwax issustanza tal-mertu jew id-difiza fejn allura l-estremi tan-nullita ma japplikawx. F'tali kaz kien ikun applikabbli l-artikolu 46 tal-Kap. 551 pero dan hu kaz fejn il-forma essenzjali mehtiega mill-ligi tal-procedura kif dettata mill-ligi tal-ippjanar ma gietx segwita assolutament. Il-ligi tghid car u tond illi l-appellant ghandu (sottolinear tal Qorti) u mhux jista' (sottolinear tal-Qorti) isemmi l-aggravji fl-appell ipprezentat. In-nuqqas assolut talappellant li jsegwi din il-procedura ma jistax ma jwassalx hlief ghan-nullita tal-att. Ir-raguni tat-Tribunal cioe li l-perit tal-appellantkellu diffikultajiet minhabba sahha prsonali sfortunatament ma tiggustifikax dan in-nuqqas billi l-appellant seta' fittex lghajnuna ta' professjonist iehor biex jipprezenta l-appell."

Illi b'risposta ghal tali eccezzjoni ta' nullita', l-appellant argumenta illi dan l-appell huwa redatt b'tali mod li jaghmel referenzaghad-decizjoni tal-Awtorita` u jelenka il-kapi taddecizjonijiet li maghhom ma kienx qed jaqbel, kif ukoll li ser jigu pprezentativarji argumenti u applikazzjonijiet li ser iwasslu sabiex id-decizjoni tar-rifjut tinbidel. Ghaldaqstant lappellant ikkonkluda li mahemm l-ebda nuqqas fir-rikors ta' dan l-appell. Illi dan it-Tribunal jissottolinea ulterjorment illi la r-rikors tal-appell u wisq anqas fil-mori ta' dan l-appell, lappellant mapprezentax aggravji li fuqhom kien qieghed issejjes l-appell tieghu. Illi huwa evidenti li fl-appell odjern, hemm sitwazzjoni ugwali ghal dak deciz fl-appell supra-citat binnumru 8/17 fl-ismijiet CharlesFenech vs l-Awtorita' tal-Ippjanar. Illi ghalhekk jirrizulta li dan it-Tribunal m'ghandux aggravji dwar xiex jiddeciedi u dana stante lima gew ipprezentati lebda aggravji fit-terminu perentorju ghal prezentata tal-appell.

Dan ir-ragunament ghandu japplika mutatis mutandis ghall-appell odjern.

Ghaldaqstant billi l-appell huwa nieqes minn dak li jghid l-artikolu 15 tal-KAP 551 ossia ragunijiet taht kull intestatura ghaliex ikun qieghed isir l-appell it-Tribunal jilqa l-eccezzjoni tal-Awtorita' u jiddikjara l-Appell bhala irritu u null.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-appellant isostni li gew nieqsa fil-konfront tieghu l-protezzjonijiet skont l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni bl-applikabilita tal-Kapitoli 551, 552 u l-Avviz Legali 276/2012 u dan ghar-ragunijiet dettaljati spjegati fl-istess aggravju fosthom it-tifsira ta' akkuza kriminali u l-konsegwenza li tinsorgi jekk dak li bih gie mixli l-appellant jikkwalifikax bhala tali; b'konsegwenza gew nieqsa l-protezzjonijiet ta' Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali, prezunzjoni tal-innocenza u nuqqas ta' assistenza legali skont l-istess artikoli 39(1), 39(5), 39(6)(c) tal-Kostituzzjoni u artikoli 6(1), 6(2), 6(3) tal Konvenzjoni. Izid li bl-ispezjoni li saret fuq is-sit inkisirlu d-dritt ghal proprjeta u l-hajja privata skont artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

2. Fil-mertu jissottometti li l-appell kif sostanzjat bir-rikors skont ordni tal-istess Tribunal kien jissodisfa l-vot tal-ligi u ma kien hemm ebda nullita kif riskontrata mill-istess Tribunal, liema nullita lanqas hi prevista mill-artikolu 15 tal-Kap. 551. Anzi l-artikolu 46(1) ta-Kap. 551 jipprevedi sostituzzjoni u tibdil fi skritturi jew li jiddahhlu sottomissjonijiet u tibdil fi skritturi jew li jiddahhlu sottomissjonijiet ohra ta' fatt u dritt sakemm it-tibdil ma jbiddilx is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu li f'din l-istanza ma humiex il-kaz.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

L-iter tal-proceduri li waslu ghal dan l-appell huma s-segwenti.

Fit-13 ta' Lulju 2021 l-appellant ipprezenta applikazzjoni ghas-sanzjanar tal-'horse/pony stables, paddock, tack room feed store and a sheep pen for a small herd', liema applikazzjoni kellha n-numru PA7363/21.

Fis-27 ta' Luiju 2022 l-Awtorità tal-Ippjanar irrifjutat l-applikazzjoni tal-appellant.

Fil-31 ta' Awwissu 2022 l-appellant appella minn dan ir-rifjut

Fl-14 ta’ Ottubru 2022 l-Awtorita harget kontra l-appellant avviz ta’ waqfien u twettiq a tenur tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap. 552), liema avviz ghandu n-numru EC132/22. L-avviz si tratta:
a) Bdil fl-uzu tas-sit minn ghalqa ghall-post fejn qed jinzammu diversi annimali;
b) Bini ta' kmamar imsaqqfa b'corrugated sheeting u li minnhom qed jintuzaw bhala stalel;
c) Diversi hitan baxxi fejn gie ffurmat parapett fuq in-naha tax-xellug tas-sit;
d) Tinda kbira tal-hadid u diversi tined ohra mwaqqfa fuq pajpijiet tal-hadid;
e) Diversi gageg madwar is-sit u gagga ohra fin-nofs bi struttura tal-injam adjacenti;
f) Installazzjoni ta' pannelli foltovoltajici fuq il-kamra ta' magenb il-parapett.

Illi fl-avviz l-appellant gie ordnat jieqaf minn kull zvilupp fuq is-sit u biex jirrintegra s-sit ghall-istat quo ante billi jnehhi l-izvilupp kollu minghajr permess. ln difètt u wara l-iskadenza ta' sittax-il gurnata huwa jkun kostrett ihallas multa gornaliera, ossia l-multa stabbilita f’kategorija C tar-Regolamenti tal-2012 dwar multi ghal kull gurnata (Avviz Legali 276 tal-2012.
L-appellant intavola appell mill-avviz fit-28 ta' Ottubru 2022.
L-Awtorita eccepiet li r-rikors tal-appell huwa monk, irritu u null stante dan ma stipulax ir-‘ragunijiet taht kull intestatura ghaliex qieghed isir l-appell’ hekk kif inhu rikjest mill-artikolu 15(b) tal-Kap. 551.
L-appellant talab l-opportunita sabiex jispjega ahjar ir-ragunijiet tal-appell. It-Tribunal akkolja din it-talba u ippermettielu sal-ahhar ta' Jannar 2023 sabiex jipprezenta nota spjegattiva tal-aggravji tieghu.
Fil-31 ta' Jannar 2023 !-appellant ipprezenta t-tali spjegazzjonijiet f’forma ta' rikors.
Tramite r-rikors intavolat fit-22 ta' Frar 2023 l-Awtorita talbet lit-Tribunal sabiex jordna l-isfilz tal-att ipprezentat fil-31 ta' Jannar 2023 ghaliex, skontha l-appellant ma ottemporax mad-digriet. L-appellant sostna li huwa aderixxa mad-digriet u kif tali sfilz imur kontra Kap. 551 u d-digriet tat-Tribunal. Huwa invoka l-artiko!u 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) hekk kif inhu riprodott fl-artikolu 46 tal-Kap. 551, biex jitlob lit-Tribunal jippermetti s-sostituzzjoni tal-att intavolat fit-28 ta' Ottubru 2022 ma' dak tal-31 ta' Jannar 2023. Huwa sejjes it-talba fuq il-fatt li s-severita tal-penali imposti fuqu tramite l-avviz irendu l-assistenza legali necessarja ghad-difiza tieghu.
It-Tribunal cahad it-talba tal-Awtorita ghall-isfilz tar-rikors tal-31 ta' Jannar 2023, stante li l-att tal-31 ta’ Jannar 2023 kien sar abbazi ta' ordni tal-istess Tribunal. Madanakollu fid-decizjoni tieghu tal-15 ta’ Gunju 2023 huwa laqa' l-eccezzjoni tal-Awtorita fir-risposta originali taghha, skont liema eccezzjoni l-att promotur kien irritu u null. B'riferenza ghad-decizjoni tat-Tribunal fi-ismijiet Christopher Vella vs l-Awtorita tal-lppjanar (241/22JB), it-Tribuna! kkonkluda li n-nuqqas assolut tal-appellant biex isegwi l-procedura elenkata f’Kap. 551 fl-att promotur tieghu ma tistax twassal hlief ghan-nullita tal-att.

**It-tieni aggravju**

Jirrizulta lil Qorti illi b’ittra tal-appellant lit-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta’ Ottubru 2022 iddikjara li qed jappella mid-decizjoni tal-Awtorita u talab lit-Tribunal sabiex il-proceduri konnessi mal-avviz ta’ enforzar EC132/22 jigu sospizi skont ma jghid l-artikolu 97(8) tal-Kap. 552 sakemm jigi deciz finalment l-

appell mill-applikazzjoni 7363/21 fejn dik l-applikazzjoni jinghad hekk: 'to sanction rooms as built and proposed alterations to same to use as stables, paddock, tack room and enclosure for small herd of sheep', liema proposti skont l-appellant huma imsemmija fl-avviz ta' enforzar.

Dan ifisser b'mod car fil-fehma tal-Qorti illi l-appellant ma issostanzjax appell fuq il-mertu u b'hekk ma saret ebda kontestazzjoni sostantiva ghall-ordni ta' enforzar imma li l-effetti tal-enforzar jigu sospizi kif trid il-ligi sakemm tigi deciza finalment l-applikazzjoni 7363/21. Din l-applikazzjoni kienet giet michuda mill-Awtorita imma sar appell quddiem it-Tribunal li skont l-appellant kien ghadu pendenti.

Il-kwistjoni ikkomplikat ruhha bla bzonn meta fl-ewwel seduta quddiem it-Tribunal l-appellant talab li jaghmel nota spjegattiva tal-aggravji. Fil-fatt ma kien hemm ebda aggravji fil-mertu tal-ordni ta' enforzar izda talba ghal sospenzjoni tal-effetti tal-enforzar. Dak li kellu jigi mistharreg hu jekk fil-fatt dak imsemmi fl-avviz kienx kopert bl-applikazzjoni 7363/21 fejn allura t-Tribunal <u>kellu</u> (enfasi tal-Qorti) jissospendi l-effetti tal-avviz sa decizjoni **finali** (enfasi tal-Qorti) fuq l-applikazzjoni fuq imsemmija. Il-Qorti ma tistax pero ma tirrimarkax dwar il-kummenti tal-appellant li ma kellux zmien biex jirrispondi u li jkollu assistenza ta' avukat. Jidher li l-appellant wiegeb permezz ta' perit ta' fiducja li hu prezunt li jaf sew il-ligi tal-ippjanar u t-terminu ta' hmistax-il jum impost mill-ligi mhux wiehed qasir li ma setax, jekk ried, ikun anki assistit min avukat.

L-appellant flok dahhal nota kif gie mitlub mit-Tribunalipprezenta rikors tal-appell fejn ressaq diversi aggravji kemm proceduralment u sostantivament kontra l-avviz tal-enforzar.

Jghid li l-avviz hu null ghax:

1. l-uzu tas-sit u l-izvilupp parzjalment citat jipprecedi l-2012 meta dahlu fis-sehh ir-regolamenti tal-multi u dan apparti li kien hemm ukoll kwistjoni ta' ksur ta' jeddijiet sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Qal ukoll:

2. li saret applikazzjoni ghal sanzjonar qabel inhareg l-avviz u ghalhekk l-avviz ta' enforzar kien illogiku u bla gustifikazzjoni.

Zied:

3. li l-anqas li jista' jaghmel it-Tribunal hu li jissospendi l-effetti tal-avviz sakemm l-appell mill-applikazzjoni ta' sanzjonar tigi deciza. L-artikolu 97(8) japplika ghax l-ewwel ordni tal-Awtorita hi projbizzjoni kontra zvilupp ulterjuri li giet ottemperata mill-appellant u t-tieni ordni hi ghat-tnehhija tal-izvilupp li hu kopert bl-applikazzjoni ghal sanzjoni. In kwantu ghal gageg isostni li dan mhux zvilupp u f'kull kaz tnehhew fit-terminu stabbilit fl-artikolu 97(8). Il-bqija tal-izviluppi imsemmija fl-avviz huma inkluzi fl-applikazzjoni ghal sanzjonar.

Fl-ahhar qal:

4. li l-multa kellha tkun dik fil-kategorija A mhux C tal-Avviz Legali 276/2012.

Ghalkemm l-Awtorita talbet l-isfilz ta' dan ir-rikors billi jmur oltre dak li t-Tribunal talab lill-appellant jipprezenta bid-digriet tas-6 ta' Dicembru 2022, l-appellant irrisponda li t-Tribunal kellu jippermetti s-sostituzzjoni tal-ewwel talba tieghu tat-28 ta' Ottubru 2022 mar-rikors tal-appell li ipprezenta wara l-ordni tas-6 ta' Dicembru 2022 u dan peress illi l-entita tal-multa skont l-Avviz Legali 276/2012 ghandha effetti ta' natura kriminali u ghalhekk kellu jinghata l-opportunita li jiddefendi ruhu permezz ta' assistenza legali.

Fit-tieni lok it-tibdiliet ma jbiddlux is-sustanza tal-azzjoni. Hu tenna l-artikolu 175 tal-Kap. 12 tippermetti s-sostituzzjoni ta' att u jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt u dritt.

It-Tribunal cahad it-talba ghall-isfilz ghax is-sottomissjonijiet tal-appellant saru fuq ordni taghha. Meta wasal biex jiddeciedi fuq l-atti li kellu quddiemu t-Tribunal, l-istess Tribunal iffokka fuq id-diversi aggravji li ghamel l-appellant f'dak li l-appellant sejjah rikors ta' appell biex jissostitwixxi l-ewwel talba tieghu ghas-sospensjoni tal-effetti tal-avviz u wasal ghal konkluzjoni li l-ewwel talba ma kinitx fil-fatt appell imma talba ghal sospensjoni tal-esekuzzjoni u illi l-aggravji maghmula fir-rikors ta' appell sussegwenti kienu fil-prattika qed jattakkaw l-avviz innifsu. Fuq tali konsiderazzjoni qies l-appell nieqes mir-ragunijiet taht kull intestatura tal-avviz ghaliex kien qed isir l-appell skont l-artikolu 15 tal-Kap. 551 u iddikjara l-appell null.

Ghandu ragun in parti t-Tribunal fejn qies li r-rikors ta' appell intiz bhala spjegazzjoni ghat-talba originali tal-appellant ghal sospensjoni tal-esekuzjoni tal-avviz kien null. Dan jinghad ghal zewg ragunijiet, l-ewwel ghaliex id-digriet tat-Tribunal hu fis-sens biss li jsiru sottomissjonijiet fuq it-talba originali. It-tieni ghaliex effettivament fl-ittra ta' appell qatt ma sar appell fil-mertu mill-avviz ta' enforzar skont il-ligi u ghalhekk kellu jitqies li l-appellant accetta u issottometta ruhu ghall-avviz b'dan li ghamel talba skont il-ligi li l-effetti tal-avviz jigu sospizi sakemm tigi deciza finalment l-applikazzjoni ta' sanzjonar 7363/21 li kienet ghadha fi stadju ta' appell quddiem it-Tribunal.

Li pero ma setax jaghmel it-Tribunal hu li jinjora t-talba originali maghmula legalment mill-appellant rigward s-sospensjoni tal-effetti tal-avviz ta' enforzar li fil-fatt saru sottomissjonijiet dwarha f'dak li l-appellant erronjament sejjah rikors tal-appell wara l-awtorizazzjoni tat-Tribunal anke jekk il-mertu tal-appell jitqies kien fuori termine. It-Tribunal seta' limitatament jislet minn dan l-hekk imsejjah rikors tal-appell dik is-sottomissjoni fejn kienet tirreferi ghas-sospensjoni tal-effetti tal- avviz ghaliex dik kienet l-uniku talba originali quddiem it-Tribunal u ma setghetx tigi estiza biex tkopri appell minn avviz li effettivament ma sarx u kwindi kien gudikat fil-konfront tal-appellant. It-Tribunal kellu jaghti decizjoni dwar it-talba ghas-sospensjoni u dan ma sarx. Ghalhekk u limitatament f'dan is-sens qed jintlaqa' t-tieni aggravju fl-appell tal-appellant quddiem din il-Qorti u dan sabiex tigi deciza l-veru sustanza tal-vertenza quddiemu cioe dak li ressaq l-appellant biex jissospendi l-esekuzzjoni tal-effetti tal-avviz, kif ukoll sottomess f'para. 108 tal-appell quddiem din il-Qorti. Ghalhekk ma hemmx nullita b'mod limitat ghat-talba originali u unika cioe sospensjoni tal-esekuzjoni tal-avviz ta' enforzar billi hemm applikazzjoni ghal sanzjonar.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju u konsegwentement l-ewwel talba fir-rikors tal-appell, u tilqa' t-tieni talba limitatament u, filwaqt li thassar id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Gunju 2023, tibghat l-atti lura lit-Tribunal sabiex iqis u jiddeciedi dwar it-talba maghmula fit-28 ta' Ottubru 2022 ghas-sospensjoni tal-effetti tal-avviz ta' enforzar tal-14 ta' Ottubru 2022.

Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur